MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2011

Appell Civili Numru. 293/2007/1

**St. George's Park Company Ltd**

**v.**

**European Enterprises Limited u b'risoluzzjoni mehuda fis-6 ta' Gunju 2007 l-isem tas-socjeta` tbiddel ghal xi GX4 Projects Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mis-socjeta` attrici fl-14 ta' Marzu 2007, li jaqra hekk:

“1. Illi l-kumpanija rikorrenti hija proprjetarja tal-*garage* internament numerat hamsa u ghoxrin (25) sovrastanti *garage* iehor, fil-kumpless maghruf bhala St. George’s Park f’San Giljan, b’entratura minn triq bla isem fl-istess kumpless, liema kumpless huwa konfinanti mix-Xlokk ma’ triq privata, mil-Lbic ma’ proprjeta` ta’ Arthur Satariano jew successuri tieghu fit-titolu u mill-Grigal ma’ propjreta` tar-rikorrenti.

“2. Illi *ai termini* ta’ kuntratt ta’ enfitewsi ppubblikat min-Nutar George Bonello Du Puis fit-12 ta’ Novembru 1985 (kopja annessa Dok. “SGP1 ”), il-kumpanija “A and A Company Limited” akkwistat minghand ir-rikorrenti l-utile dominju perpetwu tal-*garage* imsemmi, kif soggett ghac-cens annwu u perpetwu ta’ ghoxrin lira Maltija (Lm20) liema cens huwa rivedibbli wara li jghaddu hamsin 50 sena mill-1 ta’ Jannar 1986 u kull hamsa u ghoxrin (25) sena minn dik id-data.

“3. Illi *ai termini* ta’ l-istess kuntratt, il-kumpratrici “A and A Company Limited” intrabtet illi tifdi c-cens sa dsatax-il lira Maltija (Lm19) mit-total ta’ ghoxrin lira Maltija (Lm20) fi zmien ghoxrin sena mid-data tal-kuntratt.

“4. Illi l-kumpratrici ntrabtet ukoll illi tenforza fuq is-successuri taghha fit-titolu l-istess kundizzjonijiet tal-kuntratt ta’ cens tat-12 ta’ Novembru 1985.

“5. Illi permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Margaret Heywood tas-17 ta’ Lulju 2002 (kopja annessa Dok. “SGP 2”) l-intimata European Enterprises Limited akkwistat l-utile dominju tal-*garage de quo* minghand Mitzco Limited, li min-naha taghha kienet akkwistat l-*utile dominium* tal-*garage* minghand ‘l fuq imsemmija A and A Company Limited *ai termini* ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino tat-18 ta’ Ottubru 1994 kif korrett b’att iehor tat-28 ta’ Marzu 1996.

“6. Illi fil-kuntratt tas-17 ta’ Lulju 2002, gie mtenni b’mod specifiku l-obbligu li l-kumpratrici tifdi dsatax-il lira Maltija (Lm19) mic-cens sat-12 ta’ Novembru 2005.

“7.Illi l-intimata naqset li taghmel dan u kien biss fit-13 ta’ Marzu 2006 illi permezz ta’ cedola ta’ depozitu u fidi ta’ cens numru 248/2006 (Dok “SGP 3”) l-intimata ddepozitat is-somma ta’ tliet mija u tmenin lira Maltija (Lm380) sabiex tifdi l-ammont ta’ Lm19 mic-cens imsemmi. Sussegwentement, fl-ittra tas-6 ta’ Marzu 2006 (Dok. “SGP 4”) l-intimata offriet il-hlas ta’ hamsa u erbghin lira Maltija (Lm45) permezz ta’ cekk, liema ammont kien allegatament ikopri c-cens ta’ ghoxrin lira Maltija mill-1 ta’ Jannar 2004 sat-3 ta’ Marzu 2006 u cens ta’ lira Maltija (Lm1) ghall-perijodu 4 ta’ Marzu sal-31 ta’ Dicembru 2006.

“8. Illi r-rikorrenti ma zbankatx l-ammont depozitat, irritornat ic-cekk ghall-ammont ta’ hamsa u erbghin lira Maltija, u permezz ta’ ittra legali tat-23 ta’ Lulju 2006 (Dok.”SGP 5”) infurmat lill-intimata illi hija kienet qieghda tqis li, *stante* li c-cedola ta’ depozitu u fidi ta’ cens kienet giet pprezentata wara li ghalaq it-terminu ta’ ghoxrin (20) sena miftihem espressament, ic-cedola ta’ fidi kienet invalida u l-intimata setghet biss tifdi fi zmien l-ewwel sena mid-data tar-revizjoni tac-cens *ai termini* ta’ l-**artikolu 1501 (2) tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta)** li jghid li:-

*““... meta l-kuntratt jipprovdi li c-cens jista’ jigi rivedut fi zmien specifikat jew mal-grajja ta’ kundizzjoni specifikata, ic-censwalist jista’ jaghzel li jifdi fi zmien l-ewwel sena mid-data ta’ xi revizjoni bhal dik....”*

“9. Illi minkejja dan, l-intimata European Enterprises Limtied baqghet tinsisti illi l-fidi li sar huwa validu, u fis-6 ta’ Frar 2007 hija iddepozitat il-Qorti l-ammont ta’ hamsa u erbghin lira (Lm45) (Dok. “SGP 6”).

“10. Illi ghal dawn ir-ragunijiet l-intimata hija moruza fil-hlas ta’ cens.

“11. Illi ghalhekk l-esponenti kellha tibda l-prezenti proceduri.

“Ghaldaqstant, ir-rikorrenti St. George’s Park Company Limited titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

"(i) Tiddikjara li c-cedola ta' depozitu u fidi ta' cens Numru 248/2006 tat-3 ta' Marzu 2006 hija invalida u saret bi ksur tal-kundizzjonijiet ta' l-enfitewsi *de quo stante* illi l-intimata kellha tifdi c-cens ta' dsatax-il lira Maltija (Lm19) sat-12 ta' Novembru 2005; konsegwentement

"(ii) Tiddikjara li c-cens rigwardanti l-*garage* internament numerat hamsa u ghoxrin (25) sovrastanti *garage* iehor, fil-kumpless maghruf bhala St. George's Park f'San Giljan, b' entratur minn triq bla isem fl-istess kumpless, liema kumpless huwa konfinanti mix-Xlokk ma triq privata, mil-Lbic ma' propjreta` ta' Arthur Satariano jew successuri tieghi fit-titlou u mill-Grigal ma' proprjeta` tar-rikorrenti jista' jinfeda biss fi zmien l-ewwel sena mir-rivizjoni tac-cens *ai termini* tal-kuntratt ta' enfitewzi ppublikat min-Nutar George Bonello Du Puis fit-12 ta' Novembru 1985 konsegwentement

"(iii) Tikkundanna lill-konvenuta thallas l-arretrati ta' cens mid-data tac-cedola ossia t-tlieta (3) ta' Marzu 2006.

"Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tat-28 ta' Marzu 2005 u bl-imghax kontra l-intimata ngunta ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta mressqa mis-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

"1. Illi l-*garage* numru hamsa u ghoxrin (25) fil-kumpless maghruf bhala St. George's Park kien gie akkwistat mill-esponenti b'att ippubblikat min-Nutar Dr. Margaret Heywood fis-17 ta' Lulju 2002 (kopja Dok. "SGP" mar-rikors tal-kontro-parti) kif soggett ghac-cens annwu perpetwu izda rivedibbli ta' ghoxrin lira (Lm20) u bl-**obbligu** li l-enfitewta jifdi l-ammont ta' dsatax-il lira (Lm19) mill-istess cens fiz-zmien ghoxrin sena mid-data tal-kuntratt originali tat-12 ta' Novembru 1985 u ghalhekk sat-12 ta' Novembru 2005 u dan bir-rata ta' kapitalizzazzjoni ta' hamsa fil-mija (5%).

“2. Illi l-esponenti fil-fatt ipprezentat cedola ta’ fidi cens fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili ghall-ammont ta’ tliet mija u tmenin lira (Lm380) rapprezentanti r-rata ta’ 5% kapitalizzazzjoni fuq Lm19 fit-3 Marzu 2006 u ghalhekk ftit xhur wara t-terminu impost fil-koncessjoni originali.

“3. Illi l-esponenti kienu damu dawn il ftit xhur peress illi riedu jistabbilixxu kienx hemm xi arretrati ta’ cens dovuti mill-enfitewta precedenti u dan sabiex ihallsu l-lawdemju u jgibu kollox *up to date*. Fil-fatt is-socjeta` rikorrenti kienet qed tallega li kien hemm hames snin arretrati ta’ cens kif jidher mill-kopja tal-ittra taghha tal-24 ta’ Frar 2006 **Dok “EE1”.**

“4. Illi l-fidi ta’ Lm19 mic-cens ta’ totali Lm20 kien **obbligu** impost fuq l-enfitewta kif jidher mill-klawzola numru 6 fil-kuntratt tat-12 ta’ Novembru 1985 – Nutar George Bonello Du Puis (Dok **“SGP 1”** mar-rikors tal-kontroparti) – liema klawzola tghid testwalment:

*““Purchaser binds himself to redeem nineteen pounds (Lm19) of the aforesaid ground rent of Lm20 within twenty years from today at the capitalisation rate of five per centum.”*

“5. Illi ghalhekk ma kienx **dritt** favur l-enfitewti li tifdi dawn id-Lm19 liema dritt kien jiskadi jekk ma jigix esercitat fit-terminu moghti. Ma kien hemm l-ebda *window of opportunity.* Kien **dritt favur ir-rikorrenti** li tinsisti li jinfdew dawn id- Lm19 u l-esponenti kellha l-**obbligu** *ex contractu* li taghmel dan u setghet giet imgaghla tifdi. Dan gie spjegat lil parti l-ohra b’ittra tat-8 ta’ Awwissu 2006, kopja **Dok.“EE2”.**

“6. Illi l-fatt lil-esponenti kienet ftit moruza fit-twettieq tal-obbligu taghha li tifdi dawn id-Lm19 ma jistax jgib mieghu n-nullita` tac-cedola, u dan ghaliex l-esponenti ghamlet dak li kienet marbuta taghmel kuntrattwalment u l-uniku dannu li tista’ titlob ir-rikorrenti huwa *semai* l-hlas ta’ imghax fuq is-somma ta’ Lm380 ghal perijodu bejn it-13 ta’ Novembru 2005 u t-3 ta’ Marzu 2006, ekwivalenti ghal ammont ta’ ftit anqas minn ghaxar liri (Lm10) liema

somma l-esponenti dejjem kienet lesta thallas ghalkemm qatt ma giet interpellata tifdi l-imsemmija Lm19 u ghalhekk ma tpoggietx *in mora*. L-esponenti kienet ukoll ghamlet offerta ta' Lm200 sabiex tinfeda r-rimanenti lira (Lm1) kif jidher mill-kopja tal-ittra Dok. "EE 3" datat 25 ta' Ottubru 2006.

"7. Illi l-esponenti mhiex moruza fil-hlas tac-cens *stante* li hija s-socjeta` rikorrenti li qieghda tirrifjuta l-pagament u sahansitra l-ammont dovut gie depozitat b'cedola numru 343/07 (Dok "SGP6" mar-rikors tal-kontro-parti)."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2008, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

"......filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

"1. Tiddikjara li c-cedola ta' depozitu u fidi ta' cens Numru 248/2006 tat-3 ta' Marzu 2006 hija invalida u saret bi ksur tal-kundizzjonijiet ta' l-enfitewsi *de quo stante* illi l-intimata kellha tifdi c-cens ta' dsatax-il lira Maltija (Lm19 - €44.26) sat-12 ta' Novembru 2005; konsegwentement.

"2. Tiddikjara li c-cens rigwardanti l-*garage* internament numerat hamsa u ghoxrin (25) sovrastanti *garage* iehor, fil-kumpless maghruf bhala St. George's Park f'San Giljan, b' entratura minn triq bla isem fl-istess kumpless, liema kumpless huwa konfinanti mix-Xlokk ma triq privata, mil-Lbic ma' proprjeta` ta' Arthur Satariano jew successuri tieghi fit-titolu u mill-Grigal ma' proprjeta` tar-rikorrenti jista' jinfeda biss fi zmien l-ewwel sena mir-rivizjoni tac-cens *ai termini* tal-kuntratt ta' enfitewsi ppublikat min-Nutar George Bonello Du Puis fit-12 ta' Novembru 1985; u konsegwentement

"3. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-arretrati ta' cens mid-data tac-cedola *ossia* t-tlieta (3) ta' Marzu 2006.

“Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ intimata/konvenuta.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi b’kuntratt fl-atti tan-Nutar George Bonello Du Puis datat 12 ta’ Novembru 1985 (Dok. “SGP1 ”) gie trasferit mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ A and A Company Limited il-garaxx hemm deskritt suggett ghac-cens annwu u perpetwu ta’ Lm20 fis-sena suggett ghall-kundizzjonijiet hemm indikati fosthom li dik indikata f’paragrafu 6 tal-istess li tipprovdi li:-

*““The Purchaser binds himself to redeem nineteen pounds (Lm19) of the aforesaid groundrent of Lm20 within twenty years from today at the capitalisation rate of five per cent”*

“Illi jinghad ukoll li l-istess cens huwa wiehed rivedibbli skond kwalsola 8 tal-istess kuntratt fejn jinghad li l-istess cens huwa relatat mal-valur ta’ paga minima ta’ Lm29.88c fil-gimgha  u hija revidibbli mal-eghluq ta’ 50 sena mid-data tal-1 ta’ Jannar 1986 u wara kull 25 sena bir-*ratio*  li l-paga minima tizdied il-fuq minn dik fuq indikata.

“Illi l-istess proprjeta’ giet trasferita bl-istess kundizzjonijiet fuq  indikati inkluz b’kuntratt datat 17 ta’ Lulju 2002 lis-socjeta’ konvenuta (Dok. “SGP 2”) u jirrizulta li saret cedola ta’ fidi tac-cens Numru 248/06 (Dok. “SGP 3”) mis-socjeta’ intimata fit-3 ta’ Marzu 2006 u ghalhekk wara d-data stipulata fl-istess kuntratt tat-13 ta’ Novembru 2005 (li tigi  20 sena mid-data tal-kuntratt pubbliku tat-12 ta’ Novembru 1985)

“Illi dwar dan l-**artikolu 1501 tal-Kap 16** jipprovdi li meta tinghata enfitewsi perpetwa, anke jekk ic-cens ikun rivedibbli kull tant zmien, c-censwalist ghandu l-ghazla li jifdi c-cens skond is-subartikoli hemm indikati, kemm il-darba il-kuntratt innifsu, li ma jkunx kuntratt maghmul qabel il-15 ta’ Awissu 1991, ma jipprovdix mod iehor.

“Illi dan ifisser li:-

“(a) kull utilista jista’ jifdi c-cens perpetwu, wkoll jekk ic-cens ikun jista’ jigi rivedut;

“(b) Il-fidi jsir bil-mod kif provdut fis-subartikoli tal-**artikolu 1501.**

“(c) Illi jekk il-kuntratt ta’ cens ikun sar qabel il-15 ta’ Awissu 1981, u jkun jipprovdi mod differenti kif issir il-fidwa, il-fidwa ssir kif jghid il-kuntratt u mhux kif tghid il-ligi.

“Illi skond l-**artikolu 1501 (2) tal-Kap. 16** jinghad li l-fidwa ssir bil-hlas ta’ somma li tkun daqs l-ammont ta’ cens kapitalizzat bir-rata ta’ 5%, izda meta l-kuntratt jipprovdi li c-cens jista’ jigi rivedut fi zmien specifikat jew mal-grajja ta’ kondizzjoni specifikata, c-censwalist jista’ jaghzel li jifdi fi zmien l-ewwel sena mid-data ta’ xi revizjoni bhal dik, jew bil-grajja tal-kundizzjoni, u s-somma li ghandha tithallas ghall-fidwa tac-cens tkun, f’dak il-kaz, daqs l-ammont ta’ cens hekk rivedut kapitalizzat bil-medja tar-rata ta’ l-imghax li tithallas minn bank kummercjali fuq depoziti li jkunu ta’ xorta’ fissa fiz-zmien il-fidwa.

“Illi bl-applikazzjoni tal-istess artikolu ghall-kaz in ezami jirrizulta li bil-kuntratt imsemmi ma giex provdut l-ebda mod differenti kif issir il-fidwa minn dak indikat mil-ligi, izda c-censwalist skond il-kuntratt kien obbligat, li ghad-differenza minn dak li tipprovdi l-ligi, huwa kellu jifdi l-istess cens fit-terminu hemm specifikat u allura anke qabel d-data tar-revizjoni tal-istess provduta mil-ligi, u cjoe’ fi zmien 20 sena mid-data tal-kuntratt.

“Illi ladarba l-istess fidi ma sarx fit-terminu ndikat fil-kuntratt, din il-Qorti thoss li hija korretta l-posizzjoni tas-socjeta’ attrici, li allura l-fidi llum jista’ jsehh biss fiz-zmien indikat skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1501 (2) tal-Kap. 16** u cjoe’ fl-ewwel sena mid-data ta’ revizjoni li hija fiz-zmien sena mid-data tal-1 ta’ Jannar 2036 (gheluq il-50 sena mid-data tal-1 ta’ Jannar 1986).

“Illi dan ghaliex kif gie ritenut fis-sentenza **“Ivor Zammit et vs Michael Zammit Tabone et nomine”** (A.C. – 16 ta’

Jannar 2002) l-iskop ta’ l-**artikolu 1501 (1)** kien sabiex il-ligi tissuplixxi fejn kien mankanti l-ftehim f’dak li huwa dritt ta’ fidi ta’ cens anke meta dan huwa wiehed rivedibbli, u dan sabiex jassigura illi l-utilista’ dejjem ikollu d-dritt li jifdi c-cens jew kif pattwiet, u fin-nuqqas skond l-ligi; b’dan li c-censwalist ma jistax jigi impedut milli jifdi l-istess cens (**artikolu 1501 (5)).**

“Illi skond is-sentenza **“Victor Camilleri vs Vincent Micallef”** (A.C. – 5 ta’ Ottubru 1998) tali terminu indikati mill-ligi meta jista’ jinfeda c-cens huwa terminu ta’ dekadenza b’dan li jekk tali fidi ma jsirx fit-terminu indikat mill-ligi, l-utilista’ jigi ovvjament pregudikat – u din il-Qorti thoss li l-istess japplika ghad-disposizzjoni kuntrattwali anke peress li ssemma terminu specifiku meta l-istess censwalist kellu l-obbligu li jifdi tali cens hemm indikat, terminu li huwa stess ma rrispettax.

“Illi f’dan il-kuntest il-kliem tal-istess kuntratt meta setgha u kellhu jsir il-fidi *ex contractu* huwa car u ghalhekk japplika l-**artikolu 1001 tal-Kap. 16** li allura ma hemm l-ebda lok ta’ interpretazzjoni u ftehim bejn il-partijiet jikkostitwixxi ligi bejn il-partijiet u ghandu jigi rispettat in vista tal-principju *pacta sunt servanda.*

“Illi l-konsegwenza ta’ dan kollu ghall kaz in ezami hija li la darba li l-fidi ta’ cens ma sarx fiz-zmien indikat fid-disposizzjoni kuntrattwali tali cedola ta’ fidi ta’ cens hija nulla u bla effett; u ghalhekk la darba skada tali terminu jidhlu *in vigore* d-disposizzjoni tal-**artikolu 1501 (2) tal-Kap. 16** li jipprovdu meta *ex lege* jista’ jsir il-fidi ta’ cens – u allura dan issa jista’ jsir fi zmien sena mid-data tal-1 ta’ Jannar 2003.

“Illi jista’ jinghad li jsegwi wkoll li l-istess cedola ta’ fidi ta’ cens ma saritx fit-termini indikati skond l-istess disposizzjoni tal-ligi u allura hija korretta s-sottomissjoni tas-socjeta’ attrici li tali cedola la saret fit-terminu provdut fl-istess kuntratt u lanqas dak provdut mill-ligi, ghaliex dan baqghalu sabiex jaghddi. Dan iwassal sabiex tigi milqugha l-ewwel talba attrici bil-konsegwenza li l-istess fond jibqa’ soggett ghal-hlas tac-cens annwu u perpetwu ta’ €46.59

(Lm20) sakemm issir r-revizzjoni tar-rata, u ghalhekk iccens ghadu dovut anke wara l-prezentata ta’ l-istess cedola ta’ fidi  ta’ cens datata 3 ta’ Marzu 2006, ladarba l-istess cedola qed tigi ddikjarata nulla u bla effett.

“Illi dwar l-argumentazzjoni tas-socjeta’ konvenuta jinghad li effettivament dak li ghamel l-istess kuntratt kien li ta lis-socjeta’ konvenuta opportunita’ li jifdi c-cens anke qabel it-terminu indikat mill-ligi – fil-fatt l-istess socjeta’ konvenuta obbligat ruhha li tirrispetta l-istess kundizzjoni fit-terminu hemm indikat u la darba dan ma sarx ifisser li ghat-terminu meta jista’ jsehh tali fidi japplikaw llum id-disposizzjonijiet tal-ligi. Bil-konsegwenza ta’ din l-inadempjenza *da parte* tas-socjeta’ konvenuta, din certament li ppregudikat ruhha meta ma agixxiet fit-terminu hemm indikat – terminu li hija kienet taf bih ghaliex specifikat fl-istess kuntratt.

“Illi ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha.”

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` konvenuta li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha:

“......tirrevoka s-sentenza attakkata, moghtija fis-27 ta’ Novembru 2008, billi tichad it-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti u tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-esponenti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` rikorrenti.”

Rat ir-risposta tas-socjeta` attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, ssottomettiet illi l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellanta;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza ddur mal-interpretazzjoni li trid tinghata lill-klawsola 6 tal-kuntratt tat-12 ta’ Novembru 1985,

ippubblikat min-Nutar Dottor George Bonello DuPuis, li bih s-socjeta` konvenuta hadet b'titolu ta' enfitewsi perpetwu *garage* fil-kumpless maghruf bhala St. George's Park, f'San Giljan. Il-klawsola in kwistjoni tinsab riprodotta fil-bidu tas-sentenza appellata. Id-disgwid bejn il-partijiet huwa ghax filwaqt li s-socjeta` attrici tqis dik il-klawsola bhala li taghti *"window of opportunity"* lis-socjeta` konvenuta, li tintilef jekk ma tigix ezercitata fi zmien 20 sena indikat, is-socjeta` konvenuta tqisha bhala "obbligu" li hi wettqet kif kien id-dmir taghha, ghalkemm tardivament.

L-ewwel Qorti qablet mat-tezi attrici, u ekwiparat it-terminu indikat fil-klawsola msemmija mat-termini ta' dekadenza, u ghalhekk qieset il-fidi li sar wara li skadew l-ghoxrin sena bhala nulla u bla effett u ordnat il-hlas tal-arretrati tac-cens.

Is-socjeta` konvenuta appellat mis-sentenzi u baqghet tinsisti li l-klawsola imponiet obbligu li hi kellha, f'kull kaz, twettaq.

Din il-Qorti hasbet fit-tul fuq il-materja, u jidhrilha li ma tistax tikkondividi l-hsieb tal-ewwel Qorti. Kieku l-fidi ta' Lm19 mic-cens kien *"a window of opportunity"*, kif tqisha s-socjeta` attrici, il-klawsola kienet tkun fakoltattiva u mhux <u>timponi</u> fuq is-socjeta` konvenuta li hekk tifdi c-cens. Li kieku l-materja kienet biss a vantagg tas-socjeta` konvenuta, hi kienet tinghata fakkolta` li tifdi c-cens kif indikat, izda minflok, gie impost fuqha obbligu (*"binds himself"*) biex tifdi c-cens. Hu risaput li meta l-kliem ta' kuntratt huma cari, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni, izda l-kliem iridu jinghataw it-tifsira normali taghhom. F'dan il-kaz is-socjeta` konvenuta intrabtet li tifdi fi zmien ghoxrin sena, u din hija obbligazzjoni cara u mhux fakkolta`.

Il-kwistjoni, pero`, ma tieqafx hawn ghax jibqa l-fatt li l-obbligazzjoni kellha titwettaq sa certu zmien u fil-fatt, twettqet <u>wara</u> z-zmien stipulat. Dan ifisser li n-nuqqas tad-debitur tal-obbligazzjoni li jwettaq l-obbligazzjoni tieghu jaghti lok ghall-applikazzjoni tal-kundizzjoni

rizoluttiva tacita. *Ai terminu* ta’ dan il-principju, jekk parti tonqos milli twettaq l-obbligazzjoni taghha (u jekk tonqos li twettaqha fit-terminu patwit, tkun daqs li kieku ma wettqitiex), il-parti l-ohra, il-kreditur tal-obbligazzjoni, tista’ jew xorta wahda tinsisti fuq it-twettiq tal-obbligazzjoni jew fuq il-hall tal-kuntratt (ara Artikolu 1069(1) tal-Kodici Civili). F’dan il-kaz, is-socjeta` attrici, bhala kreditrici tal-obbligazzjoni, mhux qed titlob la wahda u lanqas l-ohra, avvolja sehhet il-kundizzjoni, cioe`, l-iskadenza ta’ 20 sena koncess. La darba l-kumpanija attrici mhix qed tinsisti ghal hall tal-kuntratt, ma tistax izomm lid-debitur tal-obbligazzjoni milli jwettaq l-istess. Fuq kollox, kieku intalab il-hall tal-kuntratt, trattandosi tac-cirkostanzi li l-kuntratt huwa ta’ enfitewsi u l-obbligazzjoni hija wahda kummercjali, il-Qorti adita tkun f’posizzjoni tapplika l-proviso ghall-Artikolu 117 tal-Kodici tal-Kummerc u taghti l-*purgazione della mora* (ara **Grech v. Muscat** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta’ Ottubru 2005). Jibqa l-fatt illi la darba kien “obbligu” tas-socjeta` konvenuta biex din tifdi parti mic-cens sa certu zmien, u, nonostante n-nuqqas ta’ twettiq tal-obbligazzjoni fiz-zmien stipulat, is-socjeta` attrici ma uzufruwietx ruhha mill-possibbilta` moghti lilha bil-ligi biex titlob il-hall tal-kuntratt, ma tistax izzomm lid-debitur milli jwettaq l-obbligazzjoni xorta wahda u jzomm shih l-obbligazzjoni. Kif qalet il-Qorti ta’ Kassazzjoni fl-Italia fil-kaz numru 8955 tal-20 ta’ Awwissu 1990 (b’adezjoni ghall-principju li hi kienet wettqet fil-kaz numru 6247 tal-24 ta’ Novembru 1981),

*“l’adempimento o la valida offerta dell’adempimento, effettuati da una parte tardivamente, quale che sia l’entita` del ritardo, non possono essere legittimamente rifiutati dall’altra parte, ove questa non abbia ancora proposto domanda per conseguire la risoluzione del contratto, e che, conseguentemente, tale domanda non puo` trovare fondamento in un ritardo dell’adempimento della controparte, il quale, ancorche` abbia superato i limiti della tollerabilita`, sia cessato prima della data della domanda stessa.”*

Fl-Italia hemm principju, li jista’ jitqies validu anke ghalina, salv dak li tipprovdi l-ligi fil-kuntest tal-*purgazione della*

*mora*, li darba l-kreditur tal-obbligazzjoni jistitwixxi kawza ghall-hall tal-kuntratt minhabba tardivita`, l-adempiment tal-obbligazzjoni ma tibqax aktar konsentita. Jekk pero`, kif inghad, il-kreditur ma jkunx ipproceda ghall-hall tal-obbligazzjoni, it-twettiq tardivament tal-istess obbligazzjoni ma tistax, salv eccezzjonijiet dedotti min-natura stess tal-obbligazzjoni, tigi rifjutata.

In-nuqqas ta' twettiq fiz-zmien stabbilit jintitola lill-parti l-ohra tirrifjuta t-twettiq tardiv u tinsisti ghal hall tal-kuntratt, bil-Qorti, imbaghad tara tistax u/jew ghandhiex tikkoncedi il-beneficju tal-purgazione lid-debitur. Fejn il-partijiet ikunu ftehmu fuq zmien, dan hu hekk meqjus bhala element importanti ghall-adempiment tal-obbligazzjoni li titnissel mill-kuntratt. Hu infatti ritenut,

*"...che il termine anche quando non e` essenziale per la natura del contratto e` pur sempre una delle condizioni piu` importanti per la fissazione del vincolo contrattuale"*

- **Scicluna v. Turnbull**, deciza minn din il-Qorti fil-11 ta' Frar 1921. Jibqa' l-fatt pero`, li n-nuqqas ta' twettiq f'waqtu ta' obbligazzjoni ma jgibx fix-xejn dik ir-rabta, imma ghal kuntrarju, jhalli lok li tista titwettaq l-istess obbligazzjoni jekk il-kreditur tal-obbligazzjoni ma jinsistix fuq il-hall tal-kuntratt. Dak hu li gara f'dan il-kaz.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` konvenuta billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti moghtija fis-27 ta' Novembru 2008, u tghaddi biex minflok tichad it-talbiet kollha attrici.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluz dawk in prim istanza, jithallsu mis-socjeta` attrici appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------